KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Ghawdex - Malta

**Minuti tas-17 il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu 2014, fil-5.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Marija Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatriċi: | (kienet skużata) |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħa ta' qabel, Nru. 16 - 8 u ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali bil-ħatra tas-Sur Jason Curmi bħala s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid minn nhar l-20 ta' Frar 2014. Is-Sindku, il-Viċi Sindku, l-Kunsillieri u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv awguraw lis-Sur Curmi għal kariga l-ġdida fil-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid irringrazzjaw lis-Sur Mark Formosa tax-xogħol li wettaq f'dawn ix-xhur. Is-Sur Formosa rreċiproka r-ringrazzjament tiegħu u qal li fejn jista jkun ta għajnuna huwa lest li dan jgħin. Is-Sur Formosa ħalla l-kamra tal-laqgħat u tkompliet il-laqgħa.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Infetħet it-Tender 01/2014 għall-live streaming tal-laqgħat online. Inxteħtet offerta waħda biss dik mingħand Connect Termination Ltd. għal prezz ta' €5133.00 u għal manutensjoni tagħha għal erbgħa snin konsekuttivi bl-ammont totali ta' €590.00 (€147.50 fis-sena). Il-Kunsill qabel li din l-offerta għandha tintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif mitlub mill-istess dipartiment sabiex jgħamel hu l-ispezzjoni tagħha mill-aktar fis.

2. Is-Sindku preżenta u spjega l-baġit għas-sena 2014. Is-Sindku qal lill-Kunsill dwar kuntratti li jistgħu jsiru mill-ħaddiema tal-ETC assenjati lill-Kunsill Lokali biex b'hekk il-Kunsill ikun jista jifranka ċertu nfieq. Il-Kunsill qabel ma dan u approva dan il-baġit.

3. Is-Sindku qal lill-Kunsill u dan flimkien iddiskuta li fir-raħal hawn problema, dik li xi residenti qed iħallu l-annimali domestiċi tagħhom jiġġerrew barra fit-toroq speċjalment fi Triq Skerla u li dawn l-annimali qed iħammġu fit-toroq b'konsegwenza li dan il-ħmieġ mhux qed jinġabar mis-sidien tal-istess annimali. B'hekk il-Kunsill qed jirċievi kotinwament ilmenti mir-residenti għaliex ħadd ma jrid dan it-tip ta ħmieġ quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jipprepara avviż lir-residenti tal-lokal fejn jgħid li ser isiru spezzjonijiet frekwenti mill-gwardjani lokali u li ser jiġu jiċċekjaw mill-Annimal Welfare.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar it-traffic managment f'Ta' Sannat fejn ser nitolbu lil Transport Malta l-għajnuna meħtieġa biex jiġu fil-post fi Triq Dun Xand Aquilina fejn Dwardu Butcher Shop biex isiru sinjali tat-traffiku aktar adekwati f'din it-triq u b'hekk jiġi evitat kull periklu. Fi Triq Ta' Ċenċ fil-junction għal Triq tal-Gruwa, Triq Marsilja u Triq Dun Luqa għandu jsir survey mis-surveyer is-Sur Eddie Merieca fuq it-traffic island mall-pjanta li ġiet approvata minn Tansport Malta. Faċċata ta' Triq tal-Gruwa fi Triq Ċenc għandhom isiru d-double yellow lines. Mall-ħanut ta' Marsilja Store, fi Triq Xabbata wkoll għandhom isiru d-double yellow lines.

5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill biex l-Perit tal-Kunsill jintalab jgħamel estensjoni tal-applikazzjoni tal-playing field fi Triq Marziena lil Urban Improovment Funds – MEPA ħalli meta l-Kunsill Lokali jkollu l-finanzi meħtieġa jeħles minn dan il-proġett.

6. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita tal-Karnival 2014 kellha titħassar minħabba il-maltemp li nqala dan wara li l-attivita bdiet, u bdiet niżla x-xita għalhekk ovjament din l-attivita kellha tiġi kkanċellata. Il-Kunsill qabel li peress li ma kienx hemm alternattiva oħra għandhom jitħallsu biss dawn; Ta' Seguna Folk Group li daqqew ma dwar ir-raħal qabel bdiet l-attivita, iż-żewġ kumpaniji taż-żfin li pparteċipaw, tas-sound, tad-dawl u tal-kiri tas-siġġijiet. Il-Kunsill jirringrazzja u jiddispjaċieh għal kumpaniji l-oħra li kienu ser jieħdu sehem iżda ma jistax iħallas lil dawk li ma pparteċipawx.

7. Is-Sindku qal li d-Direttur tal-Hotel Ta' Ċenċ, is-Sur Victor Borg laqa' it-talba tal-Kunsill biex l-kunċert mis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita u l-għoti għall-għaxar sena konsekuttiva tal-Premju Ġieh Sannat fl-okkażjoni ta' Jum Sannat 2014, din is-sena ser jsir fis-sala tal-konferenzi tal-lukanda nhar il-Ġimgħa 25 ta' April 2014, fit-7.45 p.m. Għandu jintalab sponsor mingħand Marsovin u Delicata Winery għal inbid għar-reception żgħir li jsir wara. Il-bord tal-għażla għal għoti tal-Premju Ġieh Sannat 2014 li

l-applikazzjonijiet ser jgħalqu f'nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa 16 ta' April 2014, ser ikun kompost mill-Kunsillieri:- Maria Cassar Sultana (chairwoman), Joseph Bajada u Margaret Said.

8. Is-Sindku nforma lill-Kunsill biex is-siġra tal-oleander li tinsab mejta, li hemm fejn il-Każini tal-futbol u tal-banda tinqala kif kien ordnat mill-MEPA. Għal dan ix-xogħol għandu jintalab li jsir minn Salvu Buttigieg.

9. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma laqgħax it-talba li saritlu permezz tal-applikazzjoni għal din is-sena biex titelgħa l-attivita Rock Legends. Huma nfurmawna li l-bord tal-għażla ma approvax fondi għall-kunċerti jew festivals tal-mużika. Is-Sindku xorta ser jerġa jinforma lid-Dipartiment biex jara kif b'xi mod ikun jista' jgħin. Is-Sindku qal li l-Gozo Beach Boys reġgħu talbuħ sabiex għat-tieni sena jgħamlu attivita' fis-sajf li ġej din id-darba bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

10. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-bus shelter li hemm fi Triq Ta' Ċenċ u li din trid tiġi trasferita fil-parti ta' fuq fejn il-Hotel Ta' Ċenċ fl-istess triq. Hu nforma lill-Kunsill li l-Avukat Formosa kiteb lil kumpanija Faces Consaltants Ltd. fejn infurmha li l-Kunsill Lokali għandu d-DNO mill-MEPA, u li peress li din il-bus shelter hija tal-kumpanija trid tkun hi li titrasferixxi dan ix-shelter. Il-Kunsill Lokali ser jibqa jagħmel l-almu tiegħu sabiex din tiġi trasferita f'post aħjar.

11. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt tal-M125 ta' Triq Bardan ser jiġi ffirmat fil-jiem li ġejjin, minnhu bħala Project Leader, mill-President tal-GAGF u mill-Paying Agency.

12. Is-Sindku nforma li l-Kunsill li reġa talab estenzjoni lil ARPA fi ħdan il-Paying Agency dwar il-proġett ta' M313 Tal-Bidwi Park.

13. Is-Sindku qal lill-Kunsill li qed jinnota li l-open skip li qed ikun hemm fi Triq Marziena nhar ta' Sibt mhux qed ikun hemm attendant miegħu kif mitlub fil-kuntratt. Għalhekk il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni lil kuntrattur kif mitlub.

14. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jitkellem ma l-Ambaxxatriċi tal-Kunsill Ann Marie Gauci sabiex jaraw flimkien kif ser jitqassam l-kwestjonarju dwar il-Pjazza Santa Margerita lir-residenti.

**Komunikazzjoni tal-Kunsillieri**

1. Il-Kunsilliera Margaret Said infurmat lill-Kunsill li ser torgarizza ħarga fl-Għarb Għawdex, nhar l-Erbgħa 19 ta' Marzu 2014 (festa pubblika). Ser isir ħarġa f'Mejju għal Malta. Il-Kunsilliera Said ser torganizza dawn il-ħarġiet. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Komunikazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li meta kien Assistent Uffiċjal Prinċipali kien għad fadallu jiehu 177 siegħa Vacation Leave. Dan ma setgħax jieħu dan il-Vacation Leave minħabba l-volum ta' xogħol li kien hawn fil-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa qal li kiteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali sabiex jekk hu possibli dawn jiġu trasferiti għal din is-sena.

2. Dwar l-ingaġġ tal-Uffiċjal Eżekuttiv full-time, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-impjegata part-time Geraldine Mercieca talbet bil-miktub li hi nteressata għal dan il-post full-time, wara li ħarġet sejħa nterna għal dan il-post vaganti. Il-Kunsill iddeċida li ser jiddiskuti din il-materja fl-laqgħa oħra.

**Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista ta' pagament (annessa mall-minuti). Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 p.m. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 14 ta' April 2014, fil-5.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**